SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

10 ta' Novembru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2004/18/KE — Artikolu 45 — Artikoli 49 u 56 TFUE — Kuntratti pubbliċi — Kundizzjonijiet ta' esklużjoni ta' proċedura għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi — Obbligi dwar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali — Dokument uniku ta' regolarità fil-qasam tal-kontribuzzjonijiet soċjali — Rettifika tal-irregolaritajiet"

Fil-Kawża C-199/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (kunsill tal-istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Frar 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' April 2015, fil-proċedura

**Ciclat Soc. coop.**

vs

**Consip SpA,**

**Autorità per la Vigilanza sui Contratti pubblici di lavori, servizi e forniture**

fil-preżenza ta':

**Istituto nazionale per l'assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (INAIL),**

**Team Service SCARL**, bħala mandatarju ta' ATI-Snam Lazio Sud Srl u Ati-Linda Srl,

**Consorzio Servizi Integrati,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn, C. Vajda (Relatur) li qed jaġixxi bħala President tal-Awla, K. Jürimäe u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Ciclat Soc. coop., minn S. Sticchi Damiani, avukat,

— għal Consip SpA, minn A. Clarizia, avukat,

— għall-Istituto nazionale per l'assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (INAIL), minn L. Frasconà u G. Catalano, avukati,

— għal Consorzio Servizi Integrati, minn G. Viglione, avukat,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Varone u C. Colelli, avvocati dello Stato,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Gattinara u A. Tokár, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 45 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-konsorzju Ciclat Soc. coop. (iktar 'il quddiem "Ciclat") u Consip SpA u l-Autorità per la vigilanza sui contratti pubblici di lavori, servizi e forniture (awtorità ta' sorveljanza tal-kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi) dwar il-proċedura tal-għoti għall-provvista ta' servizzi ta' tindif u servizzi oħra ta' manutenzjoni tal-bini, tal-istabbilimenti tal-iskejjel u taċ-ċentri ta' taħriġ tal-amministrazzjoni pubblika.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessa 2 tad-Direttiva 2004/18 tistabbilixxi:

"L-għoti tal-kuntratti ffinalizzati fl-Istati Membri f'isem l-Istat, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u korpi oħra mmexxija minn entitajiet legali pubbliċi, huwa soġġett li josserva l-prinċipji tat-Trattat u in partikolari għall-prinċipji tal-moviment ħieles tal-prodotti, il-prinċipju ta' l-istabbiliment ħieles u l-prinċipju tal-libertà li tipprovdi servizzi u l-prinċipji li jitnisslu minn dawn, bħal ma huwa il-prinċipju tat-trattament ugwali, il-prinċipju ta' bla diskriminazzjoni, il-prinċipju ta' għarfien reċiproku, il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-prinċipju tat-trasparenza. Madankollu, għall-kuntratti pubbliċi li jaqbżu ċertu ammont, huwa rakkomandat li jinħarġu disposizzjonijiet ta' kordinazzjoni Komunitarja tal-proċeduri nazzjonali għall-għoti ta' kuntratti bħal dawn li huma bbażati fuq dawn il-prinċipji sabiex jiġu assigurati l-effetti li dawn jista' jkollhom u biex jiggarantixxu l-bidu tal-kisba għall-kompetizzjoni. Dawn il-disposizzjonijiet kordinati għandhom għalhekk jiġu interpretati skond ir-regoli imsemmija aktar qabel u l-prinċipji u regoli oħra tat-Trattat."

4 L-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18 jikkonċerna l-kriterji ta' għażla kwalitattiva relatati mas-sitwazzjoni personali tal-kandidat jew tal-offerent. Il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jipprovdu:

"2. Kull operatur ekonomiku jista' jkun eskluż minn parteċipazzjoni f'kuntratt fejn dak l-operatur eknomiku:

[...]

e) ma issodisfax obbligi relatati mal-pagament ta' kuntribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skond il-disposizzjonijiet legali tal-pajjiż li fih huwa stabbilit jew ma' dawk tal-pajjiż ta' l-awtorità kontrattwanti;

[...]

Stati Membri għandhom jispeċifikaw, skond il-liġi nazzjonali tagħhom u b'rigward għal-liġi tal-Kommunità, il-kondizzjonijiet ta' implimentazzjoni għal dan il-paragrafu.

3. Awtoritajiet kontrattwanti għandhom jaċċettaw dan li ġej bħala evidenza suffiċjenti li ebda wieħed mill-każi speċifikati fil-paragrafi 1 jew 2(a), (b), (ċ), (e) jew (f) japplika għall-operatur ekonomiku:

(a) [...]

(b) għal dak li jirrigwarda paragrafu 2(e) u (f), ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru konċernat.

[...]"

5 Skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva 2004/18:

"L-awtorità kontrattwanti tista' tistieden lil operaturi ekonomiċi li jissupplimentaw jew jiċċaraw iċ-ċertifikati u dokumenti sottomessi fis-segwitu ta' l-Artikoli 45 sa 50."

6 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2014, dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18 (ĠU 2014, L 94, p. 65), jistabbilixxi, fl-Artikolu 93 tagħha:

"Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea."

*Id-dritt Taljan*

7 Id-decreto legislativo n. 163 – Codice dei contratti pubblici relativi a lavori, servizi e forniture in attuazione delle direttive 2004/17/CE e 2004/18/CE (Digriet Leġiżlattiv Nru 163, li jistabbilixxi l-kodiċi tal-kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal servizzi u għal provvisti skont id-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE), tat-12 ta' April 2006 (Suppliment ordinarju għall-GURI Nru 100, tat-2 ta' Mejju 2006), kif emendat bid-Digriet-Liġi Nru 70 tat-13 ta' Mejju 2011 (GURI Nru 110, tat-13 ta' Mejju 2011, p. 1) ikkonvertit f'liġi permezz tal-Liġi Nru 106, tat-12 ta' Lulju 2011 (GURI Nru 160, tat-12 ta' Lulju 2011, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006"), jirregola, fl-intier tagħhom, il-proċeduri fl-Italja ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal servizzi u għal provvisti.

8 Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006 jinkludi, fil-Parti II tiegħu, l-Artikolu 38 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' għoti ta' konċessjonijiet u ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi. L-Artikolu 38(1)(i) ta' dan id-digriet jistabbilixxi:

"1. Huma esklużi mill-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' għoti ta' konċessjonijiet u ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi u ma jistgħux jingħataw kuntratti ta' subappalt u lanqas jidħlu fi kuntratti relatati ma' dawn il-kuntratti, il-persuni:

[...]

i) li wettqu ksur serju, definittivament stabbilit, tar-regoli applikabbli fil-qasam tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali Taljana jew dik tal-Istat li fih dawn huma stabbiliti."

9 Skont l-Artikolu 38(2), (4) u (5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006:

"2. Il-kandidat jew l-offerent jikkonfermaw li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti permezz ta' dikjarazzjoni sostituttiva, skont dak li jippreskrivi t-test uniku tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari fil-qasam ta' dokumenti amministrattivi, previst fid-Digriet Nru 445 tal-president tar-Repubblika tat-28 ta' Diċembru 2000, u fl-imsemmija dikjarazzjoni jiġi indikat kull kundanna kriminali mogħtija fil-konfront tiegħu, inklużi dawk li jibbenefikaw min-nuqqas ta' inklużjoni fiċ-ċertifikat tal-kondotta.

[...] għall-finijiet tal-Artikolu 38(1)(i), il-ksur li jostakola l-ħruġ tad-dokument uniku ta' regolarità fil-qasam tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (documento unico di regolarità contributiva) għandu jitqies li huwa ksur serju[...]

4. Għall-finijiet tal-verifiki dwar il-kawżi ta' esklużjoni previsti f'dan l-artikolu, l-awtoritajiet kontraenti jitolbu, jekk ikun il-każ, lill-kandidati jew lill-offerenti mhux stabbiliti fl-Italja li jipprovdu d-dokumenti probatorji meħtieġa u jistgħu, minbarra dan, jitolbu l-kooperazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.

5. Jekk l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea kkonċernat ma joħroġx dan it-tip ta' dokument jew ta' ċertifikat, huma meqjusa bħala provi suffiċjenti dikjarazzjoni bil-ġurament jew, fl-Istati Membri fejn tali ġurament ma jeżistix, dikjarazzjoni magħmula mill-persuna kkonċernata quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti, nutar jew organu professjonali kkwalifikat tal-pajjiż tal-oriġini jew tal-provenjenza."

10 Il-ksur li jostakola l-ħruġ tad-dokument uniku ta' regolarità fil-qasam tal-kontribuzzjonijiet soċjali (iktar 'il quddiem il-"DURC") huwa ddefinit mid-decreto del ministero del lavoro e della previdenza sociale – che disciplina il documento unico di regolarità contributiva (digriet tal-ministeru tax-Xogħol u tas-Sigurtà soċjali li jirregola d-dokument uniku ta' regolarità fil-qasam tal-kontribuzzjonijiet soċjali), tal-24 ta' Ottubru 2007 (GURI Nru 279, tat-30 ta' Novembru 2007, p. 11).

11 Skont l-Artikolu 8(3) ta' dan id-digriet ministerjali:

"Għall-fini biss tal-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti, differenza żgħira ħafna bejn is-somom dovuti u dawk imħallsa fir-rigward ta' kull awtorità tas-sigurtà soċjali u ta' kull fond ta' kostruzzjoni ma għandhiex tipprekludi l-ħruġ tad-DURC. Differenza ta' inqas minn jew ta' ugwali għal 5 % bejn is-somom dovuti u dawk imħallsa għal kull perijodu ta' ħlas ta' remunerazzjoni jew ta' kontribuzzjonijiet jew f'kull każ ta' inqas minn EUR 100 ma għandhiex titqies li hija serja, bla ħsara għall-obbligu ta' ħlas tal-ammont iċċitat iktar 'il fuq fi żmien tletin jum mill-ħruġ tad-DURC."

12 Id-DURC li joħroġ lill-impriża għandu perijodu ta' validità ta' tliet xhur.

13 Konformement mal-Artikolu 7(3) tal-imsemmi digriet ministerjali, huwa previst ukoll li, f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet ta' regolarità fil-qasam tal-kontribuzzjonijiet soċjali, l-organi kkonċernati "jistiednu lill-persuna kkonċernata biex tiregolarizza s-sitwazzjoni tagħha f'terminu li ma jaqbiżx il-ħmistax-il ġurnata". Il-ġurisprudenza nazzjonali speċifikat madankollu li l-invit biex tirregolarizza ma japplikax meta id-DURC huwa mitlub mill-awtorità kontraenti.

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

14 Permezz ta' opinjoni ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-14 ta' Lulju 2012, Consip nediet proċedura ta' sejħa għal offerti għall-finijiet tal-għoti ta' kuntratt tas-servizzi ta' tindif u servizzi oħra intiżi għall-manutenzjoni dekorattiva u teknika tal-bini, tal-istabbilimenti tal-iskejjel ta' kull tip u ta' kull livell kif ukoll taċ-ċentri ta' taħriġ tal-amministrazzjoni pubblika. Kien possibbli li wieħed jipparteċipa f'dan il-kuntratt, diviż fi 13-il lott, billi wieħed jippreżenta offerti awtonomi. Mill-proċess trażmess lill-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-offerti kienet iffissata għas-26 ta' Settembru 2012.

15 L-avviż kien espressament jeħtieġ lil kull offerent, taħt piena ta' esklużjoni, jiddikjara li huwa kien jissodisfa l-kriterji ġenerali ta' parteċipazzjoni fis-sejħa għal offerti li kienu jinsabu fl-Artikolu 38 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006.

16 Ciclat, konsorzju fformat minn kumpanniji kooperattivi fil-ħidma tal-produzzjoni, għamel offerta li tikkonċerna l-lott Nru 7, li l-ammont bażiku tas-sejħa tal-offerti tiegħu kien ta' EUR 91 2000 000, u l-lott Nru 12, li l-ammont bażiku tas-sejħa għal offerti tiegħu kien ta' EUR 89 800 000, billi jikkostitwixxi, garanzija provviżorja ta' ammont ta' EUR 912 000 fir-rigward tal-lott Nru 7, u ta' EUR 898 000 fir-rigward tal-lott Nru 12.

17 Peress li Ciclat kien konsorzju, huwa semma, fl-offerta tiegħu, il-kooperattivi fornituri fil-każ fejn il-kuntratt jingħata lilu, li fosthom huwa semma b'mod partikolari lil Ancora Soc. coop arl. Fl-10 ta' Settembru 2012, din tal-aħħar iddikjarat, billi bbażat fuq il-passaġġ rilevanti tal-Artikolu 38 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006, "ma wettqitx ksur serju, jew peress li għamlet ostakolu għall-ħruġ tad-DURC, definittivament stabbiliti, għar-regoli applikabbli fil-qasam tal-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali [...]".

18 Wara l-proċedura tas-sejħa għal offerti, Ciclat kiseb l-ewwel post tal-klassifikazzjoni provviżorja għal-lott Nru 7, u t-tieni post għal-lott Nru 12.

19 Fit-12 ta' Ġunju 2013, għat-talba tal-Consip fil-kuntest tal-istħarriġ tal-użanzi, l'Istituto nazionale per l'assicurazione contro gli infortuni sul lavoro (INAIL) ħareġ ċertifikat li fih huwa stabbilixxa li, fid-data tad-dikjarazzjoni tagħha tal-10 ta' Settembru 2012, Ancora ma kinitx tissodisfa, fil-qasam tal-kontribuzzjonijiet soċjali, fir-rigward tal-ħlas tal-primjums tal-assigurazzjoni, peress li din il-kumpannija naqqset milli tħallas it-tielet parti ta' dawn il-primjums fil-kuntest tal-iskema ta' awtolikwidazzjoni fl-iskadenza tas-16 ta' Awwissu 2012, għall-ammont ta' EUR 33148.28. Din it-tielet parti tħallset mar-raba' u l-aħħar parti, fil-5 ta' Diċembru 2012, jiġifieri qabel ma l-imsemmija stħarriġ kien twettaq u qabel ma r-riżultat tas-sejħa għal offerti ġie mgħarraf.

20 Konsegwentement, peress li Consip iddeċidiet li teskludi lil Ciclat mill-proċedura ta' sejħa għal offerti, dan tal-aħħar ippreżenta rikors quddiem it-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (tribunal amministrattiv reġjonali għal-Latium, l-Italja) kontra din il-miżura ta' esklużjoni u kontra l-miżuri sussegwenti ta' implementazzjoni tal-garanziji provviżorji. L-imsemmi tribunal ċaħad dan ir-rikors.

21 Ciclat ippreżenta appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. Huwa argumenta li n-nuqqas ta' pagament, fit-terminu mogħti, ta' waħda mill-partijiet ta' primjum awtolikwidat ma jistax jiġi kklassifikat bħala "ksur serju u definittivament stabbilit", fid-dawl, b'mod partikolari, tal-ħlas

spontanju tal-kontribuzzjoni mar-raba' u l-aħħar parti. Huwa indika wkoll li l-INAIL naqas mill-obbligu tiegħu li jinnotifikah bl-irregolaritajiet bis-saħħa tal-Artikolu 7 tad-Digriet Ministerjali tal-24 ta' Ottubru 2007, sa fejn dan l-obbligu japplika wkoll f'każ ta' talba *ex officio* tad-DURC matul l-istħarriġ deċiż mill-awtorità kontraenti.

22 Il-Consiglio di Stato (kunsill tal-istat, l-Italja) għandu dubji fuq il-validità tar-regoli Taljani inkwistjoni. Huwa jikkunsidra li dawn jistgħu jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18 u fl-Artikoli 49 u 56 TFUE.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (kunsill tal-istat) iddeċieda li jissospendi l-proċedura u jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18, interpretat ukoll fid-dawl tal-prinċipju ta' raġonevolezza, kif ukoll l-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti, fil-kuntest ta' sejħa għal offerti li tkun 'il fuq mil-livell ta' rilevanza, li ċ-ċertifikat maħruġ mill-organi ta' sigurtà soċjali (DURC) jintalab *ex officio* u li obbliga lill-awtorità kontraenti tikkunsidra bħala raġuni ta' esklużjoni ċertifikat li juri nuqqqas ta' ħlas preċedenti ta' kontribuzzjonijiet soċjali, li kien speċifikament jeżisti fil-mument tal-parteċipazzjoni, għalkemm l-operatur ekonomiku – li pparteċipa abbażi ta' DURC pożittiv li kien għadu validu – ma kienx jaf dwaru u li fi kwalunkwe każ ma kienx għadu jeżisti fil-mument tal-għoti jew tal-istħarriġ *ex officio*?"

**Fuq id-domanda preliminari**

24 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment jekk l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18 kif ukoll l-Artikoli 49 u 56 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tobbliga lill-awtorità kontraenti li tikkunsidra bħala raġuni ta' esklużjoni l-ksur fil-qasam tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, ikkonstatat f'ċertifikat mitlub *ex officio* mill-awtorità kontraenti u maħruġ mill-organi tas-sigurtà soċjali, meta dan il-ksur kien jeżisti fid-data tal-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti, anki jekk ma kienx jeżisti iżjed fid-data tal-għoti jew tal-istħarriġ *ex officio* mill-awtorità kontraenti.

25 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, id-Direttiva 2004/18 huwa applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva għandhom jiġu interpretati, bis-saħħa tal-premessa 2 tagħha, konformement mal-prinċipji tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll dawk li jirriżultaw minnhom. Għaldaqstant, ma hemmx lok li wieħed jeżamina separatament il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali fid-dawl tal-Artikoli 49 u 56 TFUE.

26 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li d-Direttiva 2014/24, li għaliha tagħmel referenza d-deċiżjoni tar-rinviju, kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, kif jirriżulta mill-Artikolu 93 ta' din id-direttiva u għalhekk ma hijiex applikabbli *ratione temporis*.

27 Fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkunsidra bħala raġuni ta' esklużjoni ksur fil-qasam tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li kien jeżisti fid-data tal-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti, anki jekk l-ammont tal-kontribuzzjonijiet ġie regolarizzat qabel l-għoti jew qabel l-istħarriġ *ex officio* mill-awtorità kontraenti.

28 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2004/18 iħalli lill-Istati Membri li jiddeterminaw f'liema terminu l-persuni kkonċernati għandhom jikkonformaw ruħhom mal-obbligi tagħhom dwar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u jistgħu jagħmlu

eventwali regolarizzazzjonijiet *a posteriori*, filwaqt li huwa mifhum li dan it-terminu josserva l-prinċipji ta' trasparenza u ta' ugwaljanza fit-trattament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Frar 2006, La Cascina *et*, C-226/04 u C-228/04, EU:C:2006:94, punti 31 u 32).

29 Min-naħa l-oħra, anki jekk awtorità kontraenti jista' jitlob li d-data relatata ma' offerta tkun puntwalment ikkoreġuta jew kompletata, tali korrezzjonijiet jew żidiet jistgħu jikkonċernaw biss data li l-eżistenza tagħha qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet tkun tista' tiġi vverifikata oġġettivament, u ma tistax tikkonċerna informazzjoni li l-komunikazzjoni tagħha hija meħtieġa taħt piena ta' esklużjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013, Manova, C-336/12, EU:C:2013:647, punti 39 u 40).

30 Barra minn hekk, l-Artikolu 51 tad-Direttiva 2004/18, li jipprovdi li l-awtorità kontraenti tista' tistieden lill-operaturi ekonomiċi sabiex jissupplimentaw jew jiċċaraw iċ-ċertifikati u d-dokumenti ppreżentati skont l-Artikoli 45 sa 50 tal-istess direttiva, ma għandux jiġi interpretat bħala li jippermettilha li taċċetta kwalunkwe rettifiki għal ommissjonijiet li, skont id-dispożizzjonijiet espressi tad-dokumenti tal-kuntratt, għandhom iwasslu għall-esklużjoni tal-offerenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2014, Cartiera dell'Adda, C-42/13, EU:C:2014:2345, punt 46).

31 Minn dan isegwi li l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18 ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkunsidra bħala raġuni ta' esklużjoni ksur fil-qasam tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li kien jeżisti fid-data tal-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti, anki jekk l-ammont tal-kontribuzzjonijiet ġie regolarizzat qabel l-għoti jew qabel l-istħarriġ *ex officio* mill-awtorità kontraenti.

32 Għandu jiġi determinat jekk din il-konklużjoni hija meħtieġa ukoll meta leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tipprevedi li l-kwistjoni jekk operatur ekonomiku huwa konformi mal-obbligi tiegħu relatati mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fid-data tal-parteċipazzjoni tiegħu f'sejħa għal offerti, hija determinata minn ċertifikat maħruġ mill-organi tas-sigurtà soċjali u mitlub *ex officio* mill-awtorità kontraenti. Il-qorti tar-rinviju tosserva, f'dan ir-rigward, li l-organi tas-sigurtà soċjali ma humiex obbligati, bis-saħħa tal-Artikolu 7(3) tad-Digriet Ministerjali tal-24 ta' Ottubru 2007, li jipprevjenu l-operatur ekonomiku kkonċernat bis-sitwazzjoni ta' irregolarità qabel ma joħorġu tali ċertifikat.

33 Għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-Artikolu 45(2)(e) tad-Direttiva 2004/18 jippermetti lill-Istati Membri jeskludu mill-parteċipazzjoni f'kuntratt pubbliku lil kull operatur ekonomiku li ma ssodisfax l-obbligi tiegħu relatati mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, bis-saħħa tal-Artikolu 45(3) tad-Direttiva 2004/18, l-awtoritajiet kontraenti jaċċettaw bħala prova suffiċjenti li tikkonferma li l-operatur ekonomiku ma jsibx ruħu fil-każ imsemmi fl-imsemmi paragrafu 2(e), ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u li r-riżultat tiegħu li dawn il-ħtiġijiet huma sodisfatti. Ma jirriżulta bl-ebda mod mill-kliem tal-imsemmija dispożizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti huma pprojbiti li jistaqsu *ex officio* ċ-ċertifikat meħtieġ mingħand l-organi tas-sigurtà soċjali.

34 Min-naħa l-oħra, huwa irrilevanti li operatur ekonomiku ma ġiex avżat b'tali irregolarità bil-kundizzjoni li jkollu l-possibbiltà li jivverifika f'kull mument ir-regolarità tas-sitwazzjoni tiegħu mingħand l-organu kompetenti. Jekk dan huwa l-każ, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika, operatur ekonomiku ma jistax jibbaża fuq ċertifikat maħruġ mill-organi tas-sigurtà soċjali miksub qabel l-offerta tiegħu magħmula u li tikkonferma li kien jikkonforma mal-obbligi tiegħu relatati mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali matul perijodu li ġie qabel ma ssir din l-offerta, fl-għarfien, jekk ikun il-każ, wara l-informazzjoni meħuda mingħand l-organu kompetenti, li ma għadux konformi ma' tali obbligi fid-data meta ssir l-offerta tiegħu.

35 Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tobbliga lill-awtoritajiet kontraenti li jikkunsidraw bħala raġuni ta' esklużjoni l-ksur fil-qasam tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, ikkonstatat f'ċertifikat mitlub *ex officio* mill-awtorità kontraenti u maħruġ mill-organi tas-sigurtà soċjali, meta dan il-ksur kien jeżisti fid-data tal-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti, li b'hekk jeskludi kull libertà ta' evalwazzjoni lill-awtoritajiet kontraenti f'dan ir-rigward.

36 Għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 45(2) tad-Direttiva 2004/18 ma jipprevedix uniformità ta' applikazzjoni tal-kawżi ta' esklużjoni indikati fih fuq livell tal-Unjoni, minħabba li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li ma japplikawx affattu dawn il-kawżi ta' esklużjoni, jew li jintegrawhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali b'livell ta' applikazzjoni li jista' jvarja każ b'każ, skont il-kunsiderazzjonijiet legali, ekonomiċi jew soċjali li jipprevalu fil-livell nazzjonali (sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Consorzio Stabile Libor Lavori Pubblici, C-358/12, EU:C:2014:2063, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata). Din id-dispożizzjoni, għalhekk, ma tobbligax lill-Istati Membri li jħallu libertà ta' evalwazzjoni lill-awtoritajiet kontraenti f'dan ir-rigward.

37 Minn dan isegwi li l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18 ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tobbliga lill-awtoritajiet kontraenti li jikkunsidraw bħala raġuni ta' esklużjoni l-ksur fil-qasam tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, ikkonstatat f'ċertifikat mitlub *ex officio* mill-awtorità kontraenti u maħruġ mill-organi tas-sigurtà soċjali, meta dan il-ksur kien jeżisti fid-data tal-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti, li b'hekk jeskludi kull libertà ta' evalwazzjoni lill-awtoritajiet kontraenti f'dan ir-rigward.

38 Fit-tielet u l-aħħar lok, għandhom jiġu eżaminati d-domandi tal-qorti tar-rinviju fuq il-kwistjoni jekk leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tistabbilixxi diskriminazzjoni bejn l-impriżi stabbiliti fl-Italja u dawk stabbiliti fi Stati Membri oħrajn. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, għal dawn tal-aħħar, l-Artikolu 38(4) u (5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006 jipprovdi li l-awtorità kontraenti għandha titlob lil dawn l-impriżi li jipprovdu huma stess id-dokumenti probatorji meħtieġa u li, jekk l-Istat Membru kkonċernat ma joħroġx dan it-tip ta' dokument jew ta' ċertifikat, dikjarazzjoni bil-ġurament jew dikjarazzjoni solenni hija kkunsidrata bħala prova suffiċjenti.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li xi impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn għamlu offerti fil-kawża prinċipali. Minn dan isegwi li l-kwistjoni jekk leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tistabbilixxi diskriminazzjoni bejn l-impriżi stabbiliti fl-Italja u dawk stabbiliti fi Stati Membri oħrajn hija irrilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali.

40 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula jekk l-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tobbliga lill-awtorità kontraenti li tikkunsidra bħala raġuni ta' esklużjoni l-ksur fil-qasam tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, ikkonstatat f'ċertifikat mitlub *ex officio* mill-awtorità kontraenti u maħruġ mill-organi tas-sigurtà soċjali, meta dan il-ksur kien jeżisti fid-data tal-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti, anki jekk ma kienx jeżisti iżjed fid-data tal-għoti jew tal-istħarriġ *ex officio* mill-awtorità kontraenti.

**Fuq l-ispejjeż**

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 45 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tobbliga lill-awtorità kontraenti li tikkunsidra bħala raġuni ta' esklużjoni l-ksur fil-qasam tal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, ikkonstatat f'ċertifikat mitlub *ex officio* mill-awtorità kontraenti u maħruġ mill-organi tas-sigurtà soċjali, meta dan il-ksur kien jeżisti fid-data tal-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti, anki jekk ma kienx jeżisti iżjed fid-data tal-għoti jew tal-istħarriġ *ex officio* mill-awtorità kontraenti.**

Firem